



**REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/1505**

**tat-22 ta' Frar 2024**

**li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2022/2554 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jiddetermina l-ammont tat-tariffi għas-sorveljanza li jridu jiġu imposti mis-Sorveljant Ewljeni fuq forniture terzi kritiċi ta' servizzi tal-ICT u l-mod li bih dawn it-tariffi jridu jitħallsu**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2022/2554 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 dwar ir-reżiljenza operazzjonali diġitali għas-settur finanzjarju u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1060/2009, (UE) Nru 648/2012, (UE) Nru 600/2014, (UE) Nru 909/2014 u (UE) 2016/1011 (¹), u b'mod partikolari l-Artikolu 43(2) tiegħi,

Billi:

- (1) Jenħtieġ li tiġi stabilita tariffa annwali għas-sorveljanza biex tkopri kompletament in-nefqa meħtieġa tas-Sorveljant Ewljeni u tal-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej l-oħra meta jwettqu kompeti ta' sorveljanza fil-kuntest tar-Regolament (UE) 2022/2554. It-tariffa annwali għas-sorveljanza jenħtieġ li tkopri wkoll il-kostijiet stmati mill-awtoritajiet kompetenti li lilhom jiġu delegati l-kompeti mill-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej.
- (2) F'konformità mal-prinċipju tal-annwalità u l-prinċipju tal-irkupru sħiħ tal-kostijiet, it-tariffi annwali għas-sorveljanza jenħtieġ li jiġu kkalkolati abbażi tal-kostijiet diretti u indiretti stmati mill-ASE biex iwettqu l-kompeti ta' sorveljanza tagħhom. It-tariffi annwali għas-sorveljanza jenħtieġ li jiġu aġġustati kull sena biex jaqblu mal-kostijiet stmati.
- (3) Sabiex tiġi żgurata l-allokazzjoni ġusta tat-tariffi għas-sorveljanza li, fl-istess waqt, tirrifletti l-isforz amministrattiv reali ddedikat għal fornitur taħt superviżjoni, it-tariffa annwali għas-sorveljanza jenħtieġ li tkun proporzjonata għall-fatturat iġġenerat mill-fornitur terz ta' servizzi tal-ICT fl-Unjoni mill-forniment tas-servizzi tal-ICT lill-klijenti mis-settur finanzjarju.
- (4) Sabiex tiġi żgurata l-preċiżjoni tal-informazzjoni finanzjarja meħtieġa għall-kalkolu tal-fatturat applikabbli, jenħtieġ li jiġu awditjati ċ-ċifri kollha pprovduti mill-forniture terzi ta' servizzi tal-ICT. Meta wieħed iqis li l-informazzjoni dwar il-fatturat applikabbli hija meħtieġa sabiex is-Sorveljant Ewljeni jistabbilixxi l-ammont tat-tariffa għas-sorveljanza imposta fuq kull fornitur terz kritiku ta' servizzi tal-ICT kull sena biex ikopri l-kostijiet tas-sorveljanza, is-Sorveljant Ewljeni jenħtieġ li jikkunsidra d-dħul dinji tal-fornitur terz ta' servizzi tal-ICT iġġenerat irrispettivamente mit-tipi ta' klijenti fil-każ li fih il-fornitur terz kritiku ta' servizzi tal-ICT ma jipprevedix informazzjoni mfassla apposta dwar id-ħħul iġġenerat fl-Unjoni mill-forniment tas-servizzi tal-ICT lill-istituzzjonijiet finanzjarji.
- (5) Jenħtieġ li tiġi imposta tariffa annwali minima għas-sorveljanza fuq kull fornitur terz kritiku ta' servizzi tal-ICT, minħabba li ġerti kostijiet amministrattivi fissi jaapplikaw għas-superviżjoni tal-forniture terzi kritiċi kollha ta' servizzi tal-ICT, irrispettivamente mill-ammont ta' fatturat akkumulat.
- (6) Sabiex jiġu koperti l-kostijiet spċċifici mġarrba matul l-ewwel sena tad-deżinjazzjoni u tas-sorveljanza ta' forniture terzi kritiċi ta' servizzi tal-ICT, relatati fost l-oħrajn mal-proċess tad-deżinjazzjoni u l-appuntar tas-Sorveljant Ewljeni, jenħtieġ li tiġi stabilita tariffa fissa. Sabiex jiġu riflessi l-kostijiet imġarrba għas-sorveljanza wara d-deżinjazzjoni tal-fornitur terz kritiku ta' servizzi tal-ICT, jenħtieġ li din it-tariffa tigħiġi aġġustata għall-perjodu ta' żmien f'dik l-ewwel sena li matulu jkun ġie deżinjat il-fornitur terz kritiku ta' servizzi tal-ICT. Jenħtieġ li din tissostitwixxi t-tariffa annwali għas-sorveljanza għal dik is-sena.

(¹) ĠU L 333, 27.12.2022, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2022/2554/oj>.

- (7) Sabiex jiġu koperti l-kostijiet addizzjonali relatati mad-deżinjazzjoni ta' fornituri terzi kritiċi ta' servizzi tal-ICT li jitbolu b'mod volontarju li jiġu deżinjati bħala kritiċi f'konformità mal-Artikolu 31(11) tar-Regolament (UE) 2022/2554, jenħtieġ li tiġi stabbilita tariffa fissa addizzjonali. Sabiex jitnaffru t-talbiet bla bażi, jenħtieġ li tali tariffa fissa addizzjonali ma tiġix rimborżata jekk fornitur terz ta' servizzi tal-ICT jirtira t-talba tiegħu matul il-proċess ta' regiestrazzjoni, u lanqas jekk it-talba tiġi miċħuda.
- (8) Sabiex jiġi żgurat il-pagament f'waqtu tat-tariffi għas-sorveljanza, jenħtieġ li dawk it-tariffi jitħallsu fi żmien 30 jum mid-data tal-ħruġ tan-nota ta' debitu tas-Sorveljant Ewleni. Sabiex jiġi ssimplifikati l-flussi tal-pagament tat-tariffi, u sabiex jiġi żgurat li l-ASE jkollhom il-fondi meħtieġa biex iwettqu l-aktivitajiet superviżorji ppjanati tagħhom, jenħtieġ li t-tariffi annwali għas-sorveljanza jitħallsu f'pagament wieħed matul l-ewwel erba' xhur tas-sena kalendara li għaliha jkunu dovuti tali tariffi minn fornituri terzi kritiċi ta' servizzi tal-ICT soġġetti għal aktivitajiet ta' sorveljanza fl-1 ta' Jannar ta' dik is-sena jew, fil-każ ta' fornituri terzi kritiċi ta' servizzi tal-ICT deżinjati matul dik is-sena, sa mhux aktar tard minn tmiem dik is-sena.
- (9) Jenħtieġ li t-tariffi kollha imposti jiġu stabbili flivell li jkun tali li jiġu evitati defiċit jew akkumulazzjoni sinifikanti ta' surplus. Meta riżultat baġitarju pożittiv jew negattiv sinifikanti jsir rikorrenti, il-livell tat-tariffi jenħtieġ li jiġi rivedut,

**ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:****Artikolu 1****Stima tal-infiq tas-Sorveljanti Ewlenin meta jwettqu d-dmirijiet tagħhom ta' sorveljanza**

1. F'kull sena, is-Sorveljant Ewleni u l-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej l-oħra għandhom jagħtu stima tal-kostijiet annwali kumplessivi li jkunu mistennija li jiġi kumpli kollha. L-ammont tal-kostijiet annwali kumplessivi stmati għandu jkun il-bażi għad-determinazzjoni tal-ammont kumplessiv tat-tariffi għas-sorveljanza li jridu jiġi imposti.
2. Meta jagħti stima tal-kostijiet annwali kumplessivi, is-Sorveljant Ewleni għandu jqis il-kostijiet diretti u indiretti li ġejjin:
  - (a) il-kostijiet relatati mad-deżinjazzjoni ta' fornituri terzi ta' servizzi tal-ICT bħala kritiċi;
  - (b) il-kostijiet relatati mal-appuntar tas-Sorveljant Ewleni;
  - (c) il-kostijiet relatati mas-sorveljanza reali tal-fornituri terzi kritiċi ta' servizzi tal-ICT, inklużi dawn li ġejjin:
    - (i) il-kostijiet relatati mal-ħidma mwettqa mit-tim ta' eżami kongħunt;
    - (ii) il-kostijiet tal-pariri pprovduti minn esperti indipendent;
  - (d) il-kostijiet relatati mas-segwit u tar-rakkomandazzjoni jidher mahrugha mis-Sorveljanti Ewlenin f'konformità mal-Artikolu 35(1), il-punt (d), tar-Regolament (UE) 2022/2554;
  - (e) il-kostijiet relatati mal-governanza tal-qafas ta' sorveljanza.

**Artikolu 2****Fatturat applikabbi ta' fornituri terzi kritiċi ta' servizzi tal-ICT għall-kalkolu tat-tariffi għas-sorveljanza**

1. Għall-finijiet tal-Artikolu 3, il-fatturat ta' fornitur terz kritiku ta' servizzi tal-ICT għandu jkun id-dħul tiegħu ġġenerat fl-Unjoni mill-forniment tas-servizzi tal-ICT elenkti fl-istandardi tekniċi ta' implementazzjoni adottati skont l-Artikolu 28(9) tar-Regolament (UE) 2022/2554 u pprovduti lill-entitajiet finanzjarji elenkti fl-Artikolu 2(1) tar-Regolament (UE) 2022/2554.
2. Il-fornituri terzi kritiċi ta' servizzi tal-ICT għandhom jipprovdu lis-Sorveljant Ewleni, fuq bażi annwali fis-sena n-1 b'ċifri awditjati li jispeċifikaw il-fatturat imsemmi fil-paragrafu 1 għas-sena n-2. Il-fornituri terzi kritiċi ta' servizzi tal-ICT għandhom jipprovdu dawn iċ-ċifri lis-Sorveljant Ewleni sal-31 ta' Diċembru ta' kull sena.

3. Meta l-fornitur terz kritiku ta' servizzi tal-ICT ma jipprovdix lis-Sorveljant Ewleni b'ċifri awditjati sad-data msemmija fil-paragrafu 2 li jkunu limitati għal jew jinkludu d-dħul kollu kemm hu ġġenerat mill-forniment ta' servizzi lill-entitajiet finanzjarji elenkti fl-Artikolu 2(1) tar-Regolament (UE) 2022/2554, is-Sorveljant Ewleni għandu jikkunsidra l-fatturat ġġiġerat fl-Unjoni mill-forniment tas-servizzi tal-ICT elenkti fl-istandard tekniċi ta' implementazzjoni adottati skont l-Artikolu 28(9) tar-Regolament (UE) 2022/2554 irrispettivavv mit-tip ta' klijenti tal-fornitur terz kritiku ta' servizzi tal-ICT.

Meta l-fornitur terz kritiku ta' servizzi tal-ICT ma jipprovdix lis-Sorveljant Ewleni b'ċifri awditjati sad-data msemmija fil-paragrafu 2 li jkunu limitati għal jew jinkludu d-dħul kollu kemm hu ġġenerat fl-Unjoni mill-forniment ta' servizzi tal-ICT imsemmija fl-istandard tekniċi ta' implementazzjoni adottati skont l-Artikolu 28(9) tar-Regolament (UE) 2022/2554, is-Sorveljant Ewleni għandu jikkunsidra l-fatturat dinji ġġiġerat mill-forniment ta' dawn is-servizzi tal-ICT.

Meta l-fornitur terz kritiku ta' servizzi tal-ICT ma jipprovdix lis-Sorveljant Ewleni b'ċifri awditjati sad-data msemmija fil-paragrafu 2 li jkunu limitati għal jew jinkludu d-dħul kollu kemm hu ġġenerat mill-forniment ta' servizzi tal-ICT lill-entitajiet finanzjarji elenkti fl-Artikolu 2(1) tar-Regolament (UE) 2022/2554, u ma jipprovdix lis-Sorveljant Ewleni b'ċifri awditjati sad-data msemmija fil-paragrafu 2 li jkunu limitati għad-dħul ġġiġerat fl-Unjoni, is-Sorveljant Ewleni għandu jikkunsidra l-fatturat dinji ġġiġerat mill-forniment mit-tip ta' klijenti tal-fornitur terz kritiku ta' servizzi tal-ICT.

4. Meta l-fornituri terzi kritiċi ta' servizzi tal-ICT jirrapportaw id-dħul f'munita għajnej id-ejja minn il-konverti kif id-dħul fe'euro bl-użu tar-rata tal-kambju medja tal-euro applikabbi għall-perjodu li matulu jkun tiegħi r-reġistrat id-dħul, kif ippubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew.

### Artikolu 3

#### Kalkolu tat-tariffi għas-sorveljanza

1. Għal kull fornitur terz kritiku ta' servizzi tal-ICT, it-tariffa annwali għas-sorveljanza għal sena partikolari (n) għandha tkun il-kostijiet annwali kumplessivi stmati msemmija fl-Artikolu 1 aġġustati bil-koeffiċjent tal-fatturat imsemmi fil-paragrafu 2 abbażi tal-fatturat applikabbi tiegħi għas-sena n-2.

2. Għal kull fornitur terz kritiku ta' servizzi tal-ICT, il-koeffiċjent tal-fatturat għandu jkun ibbażat fuq il-fatturat applikabbi msemmi fl-Artikolu 2 u għandu jiġi kkalkolat kif ġej:

$$\text{Koeffiċjent tal-fatturat fis-sena (n)} = \frac{\text{fatturat applikabbi tal-fornitur terz kritiku ikkonċernat ta' servizzi tal-ICT fis-sena (n-2)}}{\text{fatturat applikabbi tal-fornitura terzi kritiċi kollha ta' servizzi tal-ICT fis-sena (n-2)}}$$

3. Il-fornitur terz kritiku ta' servizzi tal-ICT fl-ebda każ ma għandu jħallas tariffa annwali għas-sorveljanza li tkun inqas minn EUR 50 000.

### Artikolu 4

#### Tariffi għas-sorveljanza fis-sena tad-deżinjazzjoni u talbiet ta' "inklużjoni fakultattiva"

1. B'deroga mill-Artikolu 3, għall-ewwel lista ppubblifikata ta' forniture terzi kritiċi deżinjati ta' servizzi tal-ICT skont l-Artikolu 31(9) tar-Regolament (UE) 2022/2554, it-tariffi għas-sorveljanza għandhom jinqasmu b'mod ugħalli bejn il-forniture terzi kritiċi deżinjati ta' servizzi tal-ICT. It-tariffa li trid tiġi imposta fuq kull fornitur terz kritiku ta' servizzi tal-ICT għandha tiġi kkalkulata billi n-nefqa kumplessiva stmati tas-Sorveljanti Ewleni tiġi diviża bl-għadd ta' forniture terzi kritiċi deżinjati ta' servizzi tal-ICT.

2. B'deroga mill-Artikolu 3 u l-paragrafu 1 hawn fuq, għall-ewwel sena li fiha fornitur terz ta' servizzi tal-ICT jiġi deżinjat bħala kritiku, dan għandu jħallas tariffa fissa għas-sorveljanza li tkun daqs l-ammont imħallas minn kull fornitur terz ta' servizzi tal-ICT skont il-paragrafu 1. Meta l-perjodu tal-aktivitajiet ta' sorveljanza ta' tali fornitur terz kritiku ta' servizzi tal-ICT ma jikkorrispondix għal sena sħiħa, din it-tariffa għas-sorveljanza għandha tkun daqs l-ammont imħallas minn kull fornitur terz ta' servizzi tal-ICT skont il-paragrafu 1, immultiplikat bl-għadd ta' jiem kalendarji mid-deżinjazzjoni tal-fornitur terz ta' servizzi tal-ICT bħala kritiku sa' tmiem dik is-sena u diviż bl-għadd totali ta' jiem f'dik is-sena.

3. Meta fornitur terz ta' servizzi tal-ICT jitlob li jiġi deżinjat bħala kritiku f'konformità mal-Artikolu 31(11) tar-Regolament (UE) 2022/2554, dan għandu jħallas tariffa ta' inklużjoni fakultattiva fissa ta' EUR 50 000. L-ASE li tirċeviha ma għandhiex tirrimborża din it-tariffa fissa ta' inklużjoni fakultattiva meta t-talba għal deżinjazzjoni bħala kritiku tigħi rrifutata jew irritrata mill-fornitur terz ta' servizzi tal-ICT.

## Artikolu 5

### Pagament tat-tariffi għas-sorveljanza

1. Il-fornituri terzi kritiċi ta' servizzi tal-ICT għandhom iħallsu t-tariffi għas-sorveljanza msemmija fl-Artikolu 43 tar-Regolament (UE) 2022/2554 lis-Sorveljant Ewlieni fuq bażi annwali.

2. It-tariffi kollha għas-sorveljanza għandhom jiġu fatturati u mħallsa f'euro. In-noti ta' debitu għat-tariffi għas-sorveljanza għandhom jistabbilxxu termini ta' pagament ta' minn tal-inqas 30 jum.

3. It-tariffi kollha għas-sorveljanza għandhom jitħallsu abbażi ta' pagament rateali wieħed. Il-fornituri terzi kritiċi ta' servizzi tal-ICT li se jkunu soġġetti għal attivitajiet ta' sorveljanza fl-1 ta' Jannar ta' sena partikolari għandhom iħallsu n-nota ta' debitu sat-30 ta' April ta' dik is-sena. Il-fornituri terzi kritiċi ta' servizzi tal-ICT deżinjati matul is-sena għandhom iħallsu t-tariffi msemmija fl-Artikolu 4 f'pagament rateali wieħed sal-31 ta' Diċembru ta' dik is-sena.

4. Kwalunkwe pagament tard għandu jkun soġġetti għall-imħax ta' inadempjenza stipulat fl-Artikolu 99 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046.

## Artikolu 6

### Komunikazzjoni bejn is-Sorveljant Ewlieni u l-fornituri terzi kritiċi ta' servizzi tal-ICT

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, il-komunikazzjoni kollha bejn l-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej u l-fornituri terzi kritiċi ta' servizzi tal-ICT għandha ssir b'mezzi elettroniċi.

## Artikolu 7

### Dħul fis-seħħħ u data tal-applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Frar 2024.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Ursula VON DER LEYEN